# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 603

Kaz Nru. 852

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Nicholas Micallef

u

Intex Hosiery Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data: 15 ta' Dicembru, 1994

**Chairman: Is-Sur Carmel Debono**

## 1. INTRODUZZJONI

Din il-Kwistjoni tax-Xoghol giet riferita lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru tal-Edukazzjoni u Rizorsi Umani b'ittra datata 28 ta' Gunju 1994 Ref. ME 2/94/32 biex tigi processata skond Artiklu 28(2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-appellant, Nicholas Micallef kien assistit mill-avukat Joseph Galea Debono waqt li l-Kumpanija Intex Hosiery Ltd kienet rapprezentata mis-sinjuri Raymond u Christian Cassar Torregiani assistiti mill-avukat Hugh Peralta u

l-avukatessa Irene Bonello.

2. PRELIMINARI

Peress li l-Kumpanija rreteniet li l-appellant telaq l-impjieg volontarjament u l-appellant ikkontenda li hu gie mkecci, it-Tribunal htieglu jisma xhieda u t-trattazjoni taz-zewg partijiet biex jiddelibera u jiddeciedi jekk kellux kompetenza jiehu konjizzjoni tal-kaz, kemm il-darba jirrizultalu li l-appellant kien telaq l-impjieg volontarjament.

It-Tribunal zamm erbgha (4) seduti.

3. XHIEDA

It-Tribunal sema' x-xhieda segwenti:

| | | |
|---|---|---|
| Is-sinjura Brenda Aquilina | - | Clerk |
| Is-sur Gabriel Cassar Torregiani | - | Prod. Planner |
| Is-sur Ray Cassar Torregiani | - | Chief Executive |
| Is-sur Nicholas Micallef | - | l-appellant |
| Is-sinjura M'Grace Micallef | - | Mart l-appellant |
| Is-sur Joseph Farrugia | - | Ex Prod. Manager |
| Is-sur Lawrence Cherret | - | Ex shop-steward tal-G.W.U. |

4. DOKUMENTI

Gew prezentati s-segwenti dokumenti:-

(i) Fotokopja ta' ittra datata 13 ta' Gunju 1994 mis-sur Christian Cassar Torregiani, Operations Director lill-Dr. Jos. Galea Debono LL.D.

(ii) Fotokopja ta' ittra datata 27 ta' Jannar 1994 fuq il-firma ta' Joseph Farrugia, Production Manager lill-appellant.

(iii) Fotokopja ta' ittra datata 11 ta' Marzu, 1994 fuq il-firma tas-sur Christian Cassar Torregiani, Operations Manager lill-appellant.

(iv) Fotokopja ta' ittra datata 25 ta' Marzu 1994 fuq il-firma tas-sur Christian Cassar Torregiani lill-appellant.

5. KUNSIDERAZZJONIJIET

Ma hemmx kontestazzjoni li l-appellant iffirma t-Termination Form izda hemm kontestazzjoni jekk kienx konxju tar-raguni mnizzla minn Brenda Aquilina fuq il-Formula tat-Temm ta' l-impjieg.

Jidher li Brenda Aquilina ma kinitx konxja tal-fatti u

c-cirkostanzi kollha relatati mat-temm ta' l-impjieg tal-appellant. Xehdet li ma kinitx taf li kien gie mghoti tmien (8) gimghat "notice" u ghalhekk fil-fehma tat-Tribunal ikkonkludiet li l-appellant kien qieghed jitlaq l-impjieg minn jeddu.

Minn naha l-ohra l-appellant fehem li kien qieghed jattwa l-arrangamenti kommunikati lilu fl-ittri tas-27 ta' Jannar, il-11 u l-25 ta' Marzu, 1994.

Huwa ghalhekk ferm difficcli ghat-Tribunal biex jiddeciedi fuq id-divergenza bejn Brenda Aquilina tixhed li spjegatlu bil-Malti r-raguni tat-temm ta' l-impjieg u l-appellant jixhed li qaltlu bl-Ingliz li ma setghax jifhem.

It-Tribunal irid izda jirreferi ghax-xhieda tas-sur Ray Cassar Torregiani li meta hares lejn il-Formula tat-Temm ta' l-Impjieg qal lill-Brenda Aquilina "Dan jaf ghall xhiex iffirma, jigifieri spjegajtlu" u qaltlu "iva".

Fil-kuntest li s-sur Ray Cassar Torregiani kien kompletament konxju tal-kaz ta' l-appellant, it-Tribunal ma jistax ma jikkonkludix li x-xhud ried jaccerta ruhu ".......kont naf bil-problema tieghu, kont naf li going back il-Production Manager Joseph Farrugia kien hemm certi problemi. Assistejt anki ghall meta gew il-Union biex niddiskutu l-kaz, kien hemm hafna affarijiet li kont naf".

L-istess xhud aktar tard ghall-mistoqsija kienx jaf illi

l-appellant kien bin-notice ta' tmien (8) gimghat li kien sejjer jispicca xehed "Iva ehe iva kont naf".

Nonnostante dan kollu t-Tribunal izda huwa tal-fehma li jekk it-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' l-appellant kinitx volontarja jew tkeccija ma tistax titqies li tiddependi fuq ir-raguni nserita fit-Termination Form minn impjegata li ma kinitx kurrenti mal-fatti u c-cirkostanzi.

F'dan ir-rigward it-Tribunal huwa sodisfatt li l-Kwistjoni hija principalment marbuta u kundizzjonata mal-kontenut ta' l-ittri tal-kumpanija datati s-27 ta' Jannar, il-11 u l-25 ta' Marzu 1994, li fl-ebda stadju ma jindikaw li t-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' l-appellant kienet volontarja.

Ghall kuntrarju l-Kumpanija tiddikjara ".......8 weeks notice of termination of your employment on the grounds that you are unable to fulfil your contracted responsibilities" (ara l-ittra tas-27 ta' Jannar, 1994).

"Ghandek il-gimghatejn tan-notice li fadallek biex tilhaq il-livell mixtieq........" u ".......dan hu l-ahhar cans li ghandek biex tibqa mpjegat mal-Kumpanija" (ara l-ittra tal-11 ta' Marzu, 1994), u "..........billi nestendulek in-notice tieghek sa nhar it-Tlieta 12 ta' April, 1994" (ara l-ittra tal-25 ta' Marzu, 1994).

Finalment anke jekk l-arrangamenti dwar l-estenzjoni tal-perjodu tan-notice u xoghol atlernattiv kienu miftehma ma' l-appellant u l-Union, dan bl-ebda mod ma jista' jitqies li kien kunseńs li jirrendi t-terminazz-

joni ta' l-impjieg ta' l-appellant bhala volontarju.

## 6. DECIZJONI PRELIMINARI

Ghaldaqstant wara li t-Tribunal ikkunsidra l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz in ezami, d-dokumenti esebiti, l-evidenza tax-xhieda mismugha u t-trattazzjoni taz-zewg partijiet, jiddeciedi li t-terminazzjoni ta' l-impjieg tal-appellant Nicholas Micallef ma kinitx volontarja, cioe' minn jeddu.

Ghalhekk it-Tribunal jirrespingi l-kontenzjoni tal-parti appellata, cioe' l-Intex Hosiery Ltd., li l-appellant telaq l-impjieg minn jeddu u jghaddi biex jisma u jiddelibera dwar it-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu fuq il-meriti, cioe' jekk it-terminazzjoni kinitx ghall-raguni tajba u sufficcjenti skond il-Ligi.

Carmel Debono
CHAIRMAN

Edwin Spiteri
SEGRETARJU

mrg